**FIL-QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.**

## Illum it-Tnejn 11 ta' Lulju, 2022

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 10/2020 ISB**

**Atlantica Gamma Limited (C55939)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors li ppreżenta r-Ricevitur Ufficjali, bħala stralċjarju tal-kumpannija xjolta **Atlantica Gamma Limited (C55939)** fid-9 ta' Mejju 2022, li permezz tiegħu talab, wara li ta rendikont tax-xogħol minnu mwettaq, sabiex jiġi ffissat ammont li għandu jitħallas lill-istralċarju bħala spejjeż u remunerazzjoni dovuti lilu u fejn talab li tali spejjeż u remunerazzjoni jiġu mħallsa mill-kumpannija Atlantica (Malta) Holding Ltd (C55269) u mill-kumpannija Atlantica Tender Drilling Ltd (Bermuda Co. Reg No. 42327) *in solidum* bejniethom.

Rat l-atti tal-istralc;

Rat illi huwa kompitu ta' din il-Qorti li tistabilixxi r-rimunerazzjoni ta` stralċjarju.

Billi l-Qorti hija tal-fehma li l-istralċjarju għandu jitħallas l-ammont ta` **elf u hames mitt Ewro (€1,500)**, liema ammont għandu jinkludi kwalsiasi spejjeż li nkorra u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, jekk applikabbli.

**GĦALDAQSTANT**, in vista ta' dak hawn fuq espost, tgħaddi biex tiddeċiedi dwar it-talbiet tal-istralċjarju, kif dedotti fir-rikors tiegħu hawn fuq msemmi, billi:

1. **Tistabilixxi** l-ammont ta` **elf u hames mitt Ewro (€1,500)** bħala ir-rimunerazzjoni tiegħu, liema ammont għandu jikkomprendi kwalsiasi spejjeż li nkorra għall-fini tal-esekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu u t-taxxa fuq il-valur miżjud jekk applikabbli.

2. **Tordna** li l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu, safejn ir-rifuzjoni tal-VAT kif indikat fl-ahhar rapport tal-istralcarju tad-9 ta' Mejju 2022 ma tkoprix l-ammont hawnekk deciz, mill-kumpannija **Atlantica (Malta) Holding Ltd (C55269)** u mill-kumpannija **Atlantica Tender Drilling Ltd (Bermuda Co. Reg No. 42327)** *in solidum* bejniethom u dana skond dak gja deciz minn din il-Qorti nhar it-30 ta' Novembru 2020.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**